MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 83/2013

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ġanni Deguara.**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Ġanni Deguara iben Pawlu u Tereża xebba Galea imwieled il-Mosta fl-1 t'April, 1948 u residenti f'numru 3 Triq Sant'Anna Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 328148 (M)

Akkużat talli fit-13 ta' Novembru 2011, għall-ħabta tat-tmienja (08.00) waqt li kien qiegħed fl-inħawi tal-Bidnija, kien qed jonsob għall-għasafar tal-għana matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(ċ) tal-L.S. 504.71.

Rat is-sentenza tat-13 ta' Frar 2013 li biha il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' €400.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant li fih huwa ssottometta li l-aggravju tiegħu huwa li l-appellant kien akkużat talli huwa kien qed jonsob matul staġun magħluq meta dan ma kienx il-każ u għalhekk l-akkuża dedotta konta tiegħu ma setgħet qatt tiġi ppruvata. Li minkejja li jirriżulta li l-appellant kien qed jagħmel xi infrazzjoni tal-liġi pero' ċertament li qatt ma rriżultat l-akkuża kontrih u dana minħabba li huwa kien qed jonsob waqt staġun miftuħ.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Li skont l-affidavit ta' PS 305 A Gauci, nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru 2011 għall-ħabta tat-8.00, fl-inħawi tal-Bidnija, PS 305 AGauci kien osserva lill-appellant qiegħed jonsob għat-teħid ta' Għasafar tal-għana waqt staġun magħluq.

L-appellant kellu mansab li kellu xibka tajba kif suppost kellu żewġ imlievez iżda kellu wkoll erba' għasafar tal-għana li kienu kollha taż-żebbuġ. 'Waqt li kien qed jonsob huwa għamel użu minn għasafar tal-għana waqt staġun magħluq għalihom taż-Żebbug'

Għal dik li hija liġi s-subparagrafu (ċ) tal-ewwel subinċiż tar-regolament 18 tal-Avviż Legali 504.71 jgħid hekk:

(*ċ*) waqt l-istaġun magħluq għat-teħid ta' għasafar kif jista' jiġi permess skont dawn ir-regolamenti, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur.

Skont ir-regolament numru 3 tal-avviż legali 422 tas-sena 2011 (li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fl-1 ta' Novembru 2011)

''Għall-finijiet li jistabilixxi l-istaġun tal-kacca u l-insib tal-għasafar taħt ir-regolament 10(6)(t)(ii)(iii) tar-regolamenti tal-2006, il-Prim Minsitru stabbilixxa li :

(a) It-teħid ta' malvizz għandu jsir bejn l-1 ta' Novembru 2011 u l-10 ta' Jannar 2012.'

**Sottomissjonijiet tal-partijiet**

Skont id-difiża l-istaġun ma kienx magħluq. Jekk wieħed jara jiem meta kien hemm staġun miftuħ jew staġun magħluq jinduna li ma kienx staġun magħluq. Il-Prosekuzzjoni kellhom jagħtu l-imputazzjoni li l-appellant kien qed jonsob għal tajr illi dak iż-żmien ma setax jonsob għalihom. Il-Pulizija qabdet u akkużat billi qalet li 'l-istaġun kien magħluq' L-appellant ma setax jonsob għal dawk l-għasafar iżda l-istaġun ma kienx magħluq..

Skont il-Prosekuzzjoni, l-istaġun kien magħluq in ġenerali imma skont l-Avviż Legali 422/2011 t-teħid ta' malvizz għandu jsir bejn l-1 ta' Novembru 2011 sal-10 ta' Jannar 2012. Għall-malvizz l-istaġun kien miftuħ imma għal tal-għana l-istaġun kien magħluq.

**Ġurisprudenza dwar Il-fatti fil-komparixxi**

Skont ma qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Glenn Debattista' tat-23 ta' Diċembru 2003

'Kif ġie ritenut diversi drabi,minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, iċ-ċitazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu *(i)* tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli għal proċeduri *ex officio* bil-paragrafu *(c)* tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi tiegħu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tingħata wkoll f'dik il-ġurnata (Art. 377(1)).

Għalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuża" ikunu ġew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia għal dik li hija liġi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-Prosekuzzjoni tkun għalqet il-każ tagħha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu.'

F'sentenza oħra mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali, 'Il-Pulizija kontra Martin Brincat' tat-30 t'April, 2004, din id-darba preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nsibu dan li ġej dwar il-koparaixxi:

I

'lli kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg" [4.11.1994] ;-

" …..wara l-introduzzjoni tal-inċiż (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali , li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha , fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza , bil-partikolaritajiet opportuni ta' zmien u l-lok , ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati . Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha , jew tal-proceduri , kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini tal-pratiċita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien , u cioe' biex l-imputat

x'hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun ġie mħarrek , u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. Limputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra limputat proprjament u verament quddiem il-Qorti , u mhux fiċ-ċitazzjoni."

Ma jirriżultax li l-ġurisprudenza dwar il-komparixxi nbidlet b'xi mod minn meta ngħataw dawn iż-żewġ sentenzi minn dawn iż-żewġ imħallfin differenti.

Mill-affidavit jirriżulta li l-appellant kellu kemm malvizz kif ukoll erba' għasafar tal-għana. Mil-Liġi jirriżulta li l-istaġun kien miftuħ biss għat-teħid tal-malvizz.

Issa fiċ-ċitazzjoni hemm biss referenza għall-għasafar tal-għana u mkien ma huwa msemmi l-malvizz. Il-Prosekuzzjoni tuża l-frażi' matul l-istaġun għall-insib tal-għasafar'.

Id-difiża qed tallega li l-istaġun ma kienx magħluq. Iżda bir-rispett kollu l-istaġun kien miftuħ biss għall-qbid tal-malvizz u mhux għall-qbid tal-għasafar tal-għana. Għal dawn tal-aħħar l-istaġun kien magħluq.

Barra lilli l-Qorti tirreferi għall-ġurisprudenza ċċitata aktar 'il fuq dwar in-natura tal-komparixxi, il-Qorti żżid ukoll li ma qed tirraviża xejn ħażin minn kif inhi redatta ċ-ċitazzjoni. Legalment l-istaġun kien magħluq għat-teħid tal-għasafar tal-għana. Meta wieħed jaqra l-komparixxi għandu jirriżulta biċ-ċar x'imputazzjoni kienet qed tagħmel il-Prosekuzzjoni.

Fl-aħħarnett, jekk din l-intenzjoni ma dehritx ċara għall-appellant, l-ewwel sentenza ċċitata tgħid ċar x'wieħed għandu jagħmel fiċ-ċirkostanzi.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Frar 2013 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------